# Il-Munxar

## minn Rachelle Deguara

Ħa nindirizza l-awtorità,
għax illum il-libertà tal-opinjoni ngħatat.
Is-suġġett huwa l-agrikultura,
m'hemmx għalfejn fiż-żmien neħodkom lura,
isejħulkom nies matura,
u l-avventura?
Kulħadd jaf,
nafu li tal-moħħ il-kura,
jiddetermina kollox il-vot,
meta nħarsu fil-viċin
mhux fil-bogħod,
inkwiet ma nikkawżawx,
u xorta
serħan tal-moħħ ma ningħatawx.

Taħtfu l-okkażjoni,
b'saħħitha l-kelma manipulazzjoni,
ninfaqa nopponi,
bl-edukazzjoni,
nista' ngħarraf opinjoni,
li wasaltuli waqt xi lezzjoni,
nesprimi diżappunt,
għax nista', ħa nopponi!

Tat-tfulija l-memorji,

post li jġiblek nostalġija,

ftit mill- bqija,

teqirduhx,

insalvawh biex ingawduh,

ferħana l-uċuħ f’ġurnata bnazzi,

fix-xitwa bit-termos u tazzi,

jilaqqgħu x-xemx,

jew fis-sajf,

jgħumu għawma,

kollha kemm intkom,

ħa tgħadduna minn trawma.

Nammiraw l-agrikultura,

u nibżgħu għan-natura.

Irridu l-ġid,

iżda nifgaw kull m’hemm bil-konkrit.

Sabiħa l-libertà,

iżda l-kuntrast huwa l-irbit,

griża l-kaxxa,

monotonija,

m’hemmx biex titpaxxa,

m’hemmx biex inkun skantata,

ħdurija eliminata,

siġar u fjur?

Fejn?

Ħa jistkennu t-tjur.

Fejn il-passiġġati,

u x-xeni maġikali,

lejn din l-art devoti.

Nammiraw,

il-veduti assoluti,

għall-qalb immens,

tammira l-baħar u x-xemx.

Kienet infinita l-opportunità,

fejn jistkennu m'hemmx,

ta' tgawdija,

issa fuqkom il-ħtija,

tazzardaw,

tillimitaw,

bla rġulija,

il-ħajja tifforġu,

kullimkien ħa jġorru.

M'hemmx skop,

tagħna lkoll suppost,

iżda fuqna impost,

l-oppost.

Mhux diġà fgajtuna bl-exhaust,

kollha kemm intkom wiċċkom tost,

ta' xjenza l-importanza,

iżda issa nsejniha l-użanza.

Il-Ponta tal-Munxar,

għalkemm għall-irjus kbar,

u nies ta' unur,

jekk għalikom bla valur,

tgħadduhiex lill-iżviluppatur,

jekk il-proġett għall-agrituriżmu,

dan żball kbir,

biss faxxiżmu.

Jien mhux ħa nixba ntenni,

biex nibżgħu għal din l-art verġni,

ma nixtieqx li b'diżappunt  inħares lura,

u niftakar fil-ħdura,

nieħdu deċiżjoni matura.